**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 108/2018**

***MICHAEL CAMILLERI***

***VS.***

***EMANUEL CAMILLERI (K.I. 57944M), EMANUEL CAMILLERI (K.I. 44382M), JACQUELINE CAMILLERI, MARIO PIO CAMILLERI U PAUL CAMILLERI U B'DIGRIET TAL-11 TA' APRIL 2018 ĠIET IMSEJĦA FIL-KAWŻA S-SOĊJETÀ GASANMAMO INSURANCE LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha magħmula minn Michael Camilleri sabiex huwa jiġi mħallas mill-konvenuti għad-danni, li jgħid li ġarrab fl-appartament tiegħu, minħabba nirien li ħakmu l-garaxx bin-numru 83, fi Triq Carmelo Dimech, il-Mosta nhar it-23 ta' Lulju, 2016;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fid-**<u>9 ta' Frar, 2018</u>**, l-attur Michael Camilleri fisser li huwa s-sid tal-appartament bin-numru 1, li jinsab fl-indirizz 81, Triq Carmelo Dimech, il-Mosta. Dan l-appartament jiġi fuq garaxx bin-numru 83, fl-istess triq, li safa maħkum b'nirien fit-23 ta' Lulju, 2016;

3. L-attur jgħid li minħabba dawn in-nirien huwa ġarrab ħsarat strutturali fl-appartament tiegħu u tilef ukoll il-qligħ li seta' jagħmel mill-istess appartament. Jispjega li huwa ta' xejn kien talab lill-konvenuti sabiex isewwu dawn il-ħsarat u biex jagħmlu tajjeb għad-danni li huwa ġarrab;

4. Għalhekk huwa kellu jiftaħ din il-kawża fejn talab lill-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn nirien ħakmu l-fond, ossia l-garaxx numru tlieta u tmenin (83) fi Triq Carmelo Dimech, Mosta;*
>
> *2. Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, li kawża tal-inċident li seħħ nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn nirien ħakmu l-fond, ossia l-garaxx numru tlieta u tmenin (83) fi Triq Carmelo Dimech, Mosta, ir-rikorrenti sofra danni;*
>
> *3. Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, li kawża tal-inadempjenza tal-intimati jew min minnhom li jesegwixxu r-riparazzjonijiet kollha meħtieġa u opportuni fil-garaxx bin-numru tlieta u tmenin (83) fi Triq Carmelo Dimech, Mosta, ir-rikorrenti sofra danni u għadu qiegħed isofri danni;*
>
> *4. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni li ġew sofferti u għadhom qed jiġu sofferti mir-rikorrenti fil-fond ossia fl-appartament numru wieħed (1), fi blokk bin-numru wieħed u tmenin (81), fi Triq Carmelo Dimech, Mosta;*
>
> *5. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;*
>
> *6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat bħala dovut in linea ta' danni;*
>
> *7. Tikkundanna u tordna lill-istess intimati jew minnhom, sabiex fi żmien qasir u perentorju li tiffissalhom dina l-Onorabbli Qorti, jagħmlu u jesegwixxu r-riparazzjonijiet u x-xogħlijiet rimedjali meħtieġa fil-garaxx bin-numru tlieta u tmenin (83), fi Triq Carmelo Dimech, Mosta, taħt id-direzzjoni ta' perit nominat mill-Qorti u/jew fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti jesegwixxi l-imsemmija riparazzjonijiet u/jew xogħlijiet a spejjeż tal-intimati jew min minnhom;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), li huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*;

5. Il-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) ppreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu fis-**<u>27 ta' Marzu, 2018</u>**, u fiha huwa ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi t-talbiet tar-Rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż, billi l-inċident meritu ta' din il-kawża ma ġarax tort u ħtija tiegħu u għalhekk huwa ma kienx responsabbli għan-nirien li ħakmu, fit-23 ta' Lulju 2016, il-fond numru 83, Triq Carmelo Dimech, Mosta u dana billi huwa dejjem mexa bħala bonus pater familias; għalhekk b'ebda mod ma kien negliġenti fl-aġir u xogħol tiegħu. Dana kollu kif sejjer jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
>
> *2. Illi tant ma kienx dan l-inċident tort tal-intimat, illi l-istess intimat ma nstabx responsabbli għan-nirien fl-Inkjesta Maġisterjali (Numru 32/2016) li saret u li qed tiġi eżebita bħala Dok. A, dana kif sejjer jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
>
> *3. Illi in vista tal-premess, l-intimat ma għandu jħallas xejn lir-Rikorrenti in linea ta' danni, liema danni ma ġewx elenkati, u għalhekk ir-Rikorrenti f'dan l-istadju qed jirriżerva li jressaq dawk il-provi u anki xhieda ġodda fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ;*
>
> *4. Salv eċċezzjonijiet oħra.»*;

6. Fl-istess ġurnata, jiġifieri fis-**<u>27 ta' Marzu, 2018</u>**, permezz ta' tweġiba maħlufa konġunta, Jacqueline Camilleri, Mario Pio Camilleri u Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) f'ismu stess u f'isem Paul Camilleri, li jgħix barra minn Malta, ressqu dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

> *«Illi fil-konfront tal-preżenti konvenuti, l-istanza attriċi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, inter alia, għal dawn il-motivi –*
>
> *1. Illi b'mod preliminari, peress li l-każ jitratta minn allegati ħsarat ikkaġunati lil terzi riżultanti minn vettura, għandha tidħol tipparteċipa f'dawn il-proċeduri l-assigurazzjoni tal-vettura targata EBI-574 (i.e. GasanMamo Insurance Limited) u dan ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, għax permezz tal-kuntratt/polza ta' assigurazzjoni, l-*

*assigurazzjoni ħadet fuqha l-istess riskju identiku tal-assigurat tagħha [il-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. nru. 44382M)];*

*2. Illi, bla ebda preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, il-preżenti konvenuti ma jaħtu bl-ebda mod u manjiera għan-nirien li ħakmu l-vettura EBI-574 ġewwa l-garaxx 83, Triq Carmelo Dimech, Mosta u għall-konsegwenzi riżultanti mill-istess. F'dan is-sens, kwalsiasi imputazzjoni ta' responsabbiltà li l-attur qed jittenta jaddossa fuq il-preżenti konvenuti għandha tiġi riġettata peress li l-akkadut de quo kien imur lil hinn mill-kontroll tagħhom u, għalhekk, l-istess konvenuti għandhom jiġu liberati mill-ħarsien tal-ġudizzju;*

*3. Illi, bla preġudizzju, il-fatt li l-preżenti konvenuti – għajr għal Jacqueline Camilleri – huma ko-proprjetarji tal-garaxx 83, Triq Carmelo Dimech, Mosta ma jagħmilhomx awtomatikament responsabbli għall-ħsarat riżultanti minn u/jew konsegwenzjali għan-nirien li laqtu l-fond ta' l-attur. F'dan is-sens, kwalsiasi imputazzjoni ta' responsabbiltà li l-attur qed jaddossa fuq il-preżenti konvenuti għandha tiġi riġettata u l-istess konvenuti, għalhekk, għandhom jiġu liberati mill-ħarsien tal-ġudizzju;*

*4. Illi, bla preġudizzju, il-konvenuta Jacqueline Camilleri, għalkemm hi ko-proprjetarja fil-vettura flimkien ma' żewġha [i.e., il-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. nru. 44382M)] tramite l-komunjoni tal-akkwisti, m'hijiex ko-proprjetarja tal-garaxx 83, Triq Carmelo Dimech, Mosta u allura ma taħti bl-ebda mod għall-allegati danni mitluba mill-attur, kemm dawk allegatament konsegwenza tan-nirien u kif ukoll għal dawk dwar l-allegata inadempjenza sussegwenti (i.e., riparazzjonijiet). Għalhekk, il-konvenuta Jacqueline Camilleri għandha tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*5. Illi mhux minnu li x-xogħlijiet riparatorji ma seħħewx minħabba xi inadempjenza tal-preżenti konvenuti ko-proprjetarji ta' l-imsemmi garaxx. Fil-fatt, fil-preżent qegħdin jitwettqu tali xogħlijiet illi daqt jitlestew;*

*6. Illi, bla ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, l-aġir tal-preżenti konvenuti ma kkaġuna l-ebda danni jew preġudizzju ulterjuri lill-proprjetà ta' l-attur u kwalsiasi allegazzjoni xort'oħra – anke dik dwar kwantifikazzjoni ta' allegati ħsarat – għandha tiġi debitament pruvata sal-grad li trid il-Liġi skont l-Art. 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) bi provi tajbin, rilevanti u xierqa skont l-Art. 558 u l-Art. 559 ta' l-istess imsemmi Kodiċi;*

*7. Illi, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet t'hawn fuq, fi kwalunkwe każ, l-attur jeħtieġlu jipprova l-aspetti u l-elementi kollha tal-każ tiegħu fil-*

*konfront tal-preżenti konvenuti sal-grad meħtieġ skont il-Liġi u fin-nuqqas il-pretiża tiegħu għandha tfalli di fronti għall-istess konvenuti;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont u permessi mil-Liġi.»*;

7. Fis-seduta tal-**<u>11 ta' April, 2018</u>**, il-qorti ordnat is-sejħa fil-kawża tal-kumpannija ta' assigurazzjoni GasanMamo Insurance Limited;

8. Imbagħad, fil-**<u>21 ta' Mejju, 2018</u>** il-qorti tat digriet, li permezz tiegħu bit-tħaddim tal-**artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, hija ġibdet il-kawża bin-numru 270/2018CFS sabiex din tiġi mismugħa minnha flimkien ma' din il-kawża;

9. GasanMamo Insurance Limited irrispondiet għat-talbiet tal-attur permezz ta' tweġiba maħlufa ppreżentata minnha fit-**<u>12 ta' Ġunju, 2018</u>**, fejn hija ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1.Illi permezz ta' Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' April 2018, is-soċjetà esponenti ġiet imsejħa fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi;*

*2. Illi s-soċjetà esponenti ġiet notifikata bl-atti kollha tal-kawża fl-1 ta' Ġunju 2018;*

*3. Illi s-soċjetà esponenti kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni tat-tip Third Party Only sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574, di proprjetà tal-konvenut Emanuel Camilleri detentur tal-karta tal-identità bin-numru 44382(M) u dana skont ma jirriżulta miċ-Ċertifikat ta' Assikurazzjoni relattiv, illi kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala* ***Dok. GMI1*** *sa* ***Dok. GMI3****;*

*4. Illi nhar it-23 ta' Lulju 2017, seħħew nirien f'garaxx sitwat tlieta u tmenin (83) fi Triq Carmelo Dimech, Mosta fejn fost vetturi oħra kien hemm parkeġġjata l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 assigurata mas-soċjetà esponenti;*

*5. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatti u fid-Dritt u dana stante illi assolutament mhux minnu li l-assigurat tas-soċjetà esponenti u wisq inqas is-soċjetà esponenti kienu b'xi mod jaħtu għall-inċident de quo, u dana hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-*

*kawża u l-attur għandu jressaq kull prova valida u neċessarja skont il-Liġi sabiex jipprova dak minnu allegat;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, l-attur għandu jġib l-aħjar prova illi huwa l-proprjetarju tal-fond ossia l-appartament numru wieħed (1) fi blokk numru wieħed u tmenin (81) fi Triq Carmelo Dimech, Mosta, u wkoll l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali minnu allegati u reklamati.»*;

10. Waqt l-udjenza tal-**11 ta' Lulju, 2018**, il-partijiet reġgħu qablu li din il-kawża għandha timxi flimkien mal-kawża bin-numru 270/2018CFS;

11. Fis-**17 ta' Settembru, 2018**, il-qorti approvat il-qbil milħuq bejn il-partijiet li kull prova li tressqet u li kienet sejra tiġi mressqa fl-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS għandha tgħodd ukoll bħala prova għal din il-kawża. Fl-istess seduta, il-qorti ħatret lill-perit Marielouise Caruana bħala espert ġudizzjarju sabiex tmur fl-appartament tal-attur u tagħmel il-kostatazzjonijiet relattivi tagħha dwar l-istat li dan jinsab fih;

12. Il-perit Marielouise Caruana Galea ppreżentat ir-rapport tagħha dwar il-ħsarat li sabet fl-appartament inkwistjoni fil-**25 ta' Frar, 2019** (ara minn paġna 182 sa paġna 214 tal-atti tal-kawża);

13. Imbagħad, waqt is-seduta tal-**20 ta' Mejju, 2019**, l-inkarigu tal-perit Caruana Galea ġie mġebbed biex hija tikkwantifika fi flus il-ħsara li seħħet fl-appartament b'kawża tan-nar li qabad fit-23 ta' Lulju, 2016;

14. Fis-**17 ta' Settembru, 2019**, il-perit Caruana Galea ppreżentat dan it-tieni rapport tagħha dwar il-likwidazzjoni tad-danni li ġew ikkawżati fl-appartament inkwistjoni (ara minn paġna 225 sa paġna 237 tal-atti tal-kawża);

15. Il-partijiet għalqu l-provi tagħhom fit-2 ta' Novembru, 2021, u filwaqt li l-attur ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub fis-7 ta' Jannar, 2022, il-konvenuti kollha ressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub rispettivi tagħhom fil-21 ta' Marzu, 2022;

16. Fis-seduta tal-**1 ta' April, 2022**, il-partijiet iddikjaraw li fil-mori tal-kawża l-attur wettaq bi spejjeż tiegħu t-tiswijiet kollha li kien hemm bżonn li jsiru fl-appartament tiegħu;

17. Imbagħad, b'nota mressqa minnu fit-**12 ta' April, 2022**, l-attur irtira s-seba' talba tiegħu minħabba li fil-mori tal-kawża l-konvenuti kienu wettqu t-tiswijiet meħtieġa fil-garaxx bin-numru 83, fi Triq Carmelo Dimech, il-Mosta;

18. Fl-istess ġurnata, b'ħarsien ta' ordni mogħtija mill-qorti waqt is-seduta tal-1 ta' April, 2022, l-attur ippreżenta numru ta' rċevuti bħala prova tan-nefqa li għamel biex wettaq it-tiswijiet fl-appartament tiegħu;

19. Waqt is-seduta tal-**24 ta' Ġunju, 2022** l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza biex tingħata llum;

***Fatti***

20. Fis-sigħat bikrin ta' filgħodu tat-23 ta' Lulju, 2016, ġie maħkum minn nirien il-garaxx bin-numru 83, fi Triq Carmelo Dimech, fil-Mosta. Dan il-garaxx huwa proprjetà tal-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) flimkien ma' wliedu Mario Pio Camilleri, Paul Camilleri u Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) (ara l-affidavit ta' Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) f'paġna 330 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS, ix-xiehda ta' Mario Pio Camilleri f'paġna 432 tal-atti ta' din il-kawża u x-xiehda ta' Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) f'paġna 435 tal-atti ta' din il-kawża);

21. Dakinhar fil-garaxx kien hemm miżmuma erba' trakkijiet li kienu lkoll kemm huma reġistrati fuq isem Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) (ara x-xiehda ta' Stephen Cachia u d-dokumenti ppreżentati minnu f'paġni 93 sa 103 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS);

22. Il-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri kienu minn tal-ewwel fuq il-post. Dan tal-aħħar ipprova jitfi n-nar permezz ta' ċilindru ta' tifi tan-nar, iżda ma rnexxilux. Aktar tard, fuq il-post waslu l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li ħadu ħsieb jikkontrollaw u jitfu n-nar;

23. Sadattant ġew evakwati r-residenti li kienu jgħixu fl-appartamenti li jinsabu mibnija madwar il-garaxx bin-numru 83, inkluż ir-residenti tal-proprjetajiet li jiġu fuq in-naħa tax-xellug tal-garaxx minħabba li l-ħajt diviżorju kien f'riskju li jċedi. Meta seħħ l-inċident, l-appartament mertu tal-kawża kien mikri lil Gareth u Louisa Houston (ara l-affidavit ta' Michael Camilleri f'paġna 55 tal-atti ta' din il-kawża);

24. Inżammet inkjesta maġisterjali fejn fost l-oħrajn ġie maħtur Dr Daniel Vella bħala espert forensiku sabiex jgħin lill-maġistrat inkwirenti tiddetermina kif beda n-nar (ara kopja tal-proċess-verbal tal-inkjesta numru 32/2016 f'paġni 26 sa 33 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS);

25. L-espert forensiku kien tal-fehma li n-nar li ħakem il-vetturi ġewwa l-garaxx bin-numru 83 fi Triq Carmel Dimech, fil-Mosta, kien wieħed aċċidentali u ma seħħx b'kawża ta' għemil doluż. Għalkemm l-espert forensiku ma setax jasal għall-konklużjoni tiegħu b'ċertezza, l-aktar spjegazzjoni plawsibbli li seta' jasal għaliha l-istess espert kienet li n-nirien fil-garaxx numru 83 bdew minħabba difett li seta' kellu t-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 (ara r-relazzjoni tal-espert forensiku minn paġni 142 sa 163 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS). Il-maġistrat inkwerenti qablet mas-sejbiet tal-espert forensiku u għalhekk għalqet l-inkjesta u ordnat li l-proċess-verbal jintbagħat għand l-Avukat Ġenerali. Mill-atti ma jirriżultax li ttieħdu passi kriminali kontra xi individwi minħabba n-nar li beda fil-garaxx numru 83 dakinhar tat-23 ta' Lulju, 2016;

26. It-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 kien assigurat mal-kumpannija GasanMamo Insurance Limited fuq bażi ta' *Third Party Only* biex jintuża

bħala vettura kummerċjali (ara paġni 83 u 84 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS);

27. L-attur jgħid li minħabba din il-ġrajja, l-appartament tiegħu ġarrab għadd ta' ħsarat u ma kienx f'qagħda li jinkera. Għalhekk, huwa fetaħ din il-kawża sabiex jiġi mħallas mill-konvenuti għad-danni li bata, inkluż għad-dħul f'kirjiet li huwa jgħid li tilef;

***Konsiderazzjonijiet***

28. Qabel ma din il-qorti tgħaddi biex tqis jekk it-talbiet tal-attur humiex mistħoqqa, il-qorti jeħtiġilha qabelxejn tistħarreġ jekk hemmx lok li jintlaqgħu xi waħda jew aktar mill-eċċezzjonijiet ta' sura preliminari li ġew imressqa mill-konvenuti;

29. Il-qorti tinnota li l-**ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), Jacqueline Camilleri, Mario Pio Camilleri u Paul Camilleri** dwar is-sejħa fil-kawża ta' GasanMamo Insurance Limited diġà ġiet milqugħa għaliex b'digriet mogħti fil-miftuħ fil-11 ta' April, 2018, din il-qorti ordnat is-sejħa fil-kawża tal-kumpannija assiguratriċi GasanMamo Insurance Limited. Għalhekk, f'dan l-istadju din il-qorti sejra tastjeni milli tieħu aktar qies ta' din l-eċċezzjoni ladarba din ġiet imwettqa waqt il-mixi tal-kawża;

30. Imiss issa li l-qorti tqis l-**ewwel parti tas-sitt eċċezzjoni ta' GasanMamo Insurance Limited**, fejn fiha hija saħqet li l-attur għandu jressaq l-aħjar prova li huwa s-sid tal-appartament bin-numru 1, li jinsab fl-indirizz 81, Triq Carmelo Dimech, il-Mosta;

31. M'hemmx għalfejn ngħidu, biex l-attur jista' jitlob li jingħata ħlas għall-ħsara li ġrat fl-appartament inkwistjoni, huwa jrid qabel xejn juri li huwa għandu xi għamla ta' titlu fuq dak l-appartament. F'dan il-każ, il-qorti tinsab sodisfatta mill-provi miġjuba f'dawn l-atti li l-attur seħħlu juri li huwa s-sid ta' dan l-appartament;

32. Fl-affidavit tiegħu (ara paġna 274 tal-atti tal-kawża), l-attur Michael Camilleri spjega li huwa kien wiret sehem minn sitt partijiet (1/6) tal-appartament bin-numru 1, fl-indirizz

81, Triq Carmelo Dimech, il-Mosta mingħand il-ġenituri tiegħu. Il-ħames ishma minn sitt partijiet (5/6) l-oħra ta' dan l-appartament ġew mixtrija minnu permezz ta' kuntratt ta' xiri-u-bejgħ tal-5 ta' Settembru, 2007, li ġie magħmul fl-atti tan-Nutar Naomi Micallef Mugliette (ara kopja tal-kuntratt misjuba f'paġni 275 sa 280 tal-atti tal-kawża). Fil-fatt, fil-kuntratt hemm imniżżel iswed fuq l-abjad li fid-data tal-kuntratt Michael Camilleri diġà kien sid ta' sehem minn sitt partijiet ta' dan l-appartament. Għalkemm, fil-kuntratt l-isem tat-triq ta' fejn jinsab l-appartament ġie indikat bħala "Trejqa tal-Pont", Savio Borġ mill-Uffiċċju Elettorali spjega li fil-passat Triq Carmelo Dimech, fil-Mosta kienet misjuba bħala it-"Trejqa tal-Pont" (ara x-xiehda tiegħu f'paġni 120 u 121 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS);

33. Min-naħa tagħha, l-imsejħa fil-kawża ma ressqet l-ebda prova jew sottomissjoni li b'xi mod twaqqa' jew tmeri dak li hemm imniżżel fil-kuntratt tal-5 ta' Settembru, 2007;

34. Għaldaqstant, ladarba l-attur irnexxielu jressqu prova tajba li huwa s-sid tal-appartament inkwistjoni, din il-qorti qiegħda tiċħad l-ewwel parti tas-sitt eċċezzjoni ta' GasanMamo Insurance Limited;

35. Darba li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti ġew indirizzati, din il-qorti issa hija f'pożizzjoni li tistħarreġ **it-talbiet tal-attur Michael Camilleri flimkien mal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti**;

36. Din hija kawża fejn l-attur qiegħed jitlob il-ħlas għad-danni li huwa ġarrab minħabba ħtija ta' xi wieħed jew aktar mill-konvenuti. Bħala prinċipju ġenerali, kawża ta' din ix-xorta hija maqsuma f'żewġ stadji. L-ewwel stadju huwa marbut mal-prova tal-ħtija tal-konvenut għal dak li ġara, filwaqt li t-tieni stadju huwa marbut mal-prova tal-ammont ta' danni li ġew imwettqa (ara ***Giovanni Fava v. Nutar Giovanni Vella***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar, 1935, ***Antonio Borġ nomine et v. Guido Abela et, Appell Kummerċjali***, 14 ta' Mejju, 1954, u ***Joseph Dalli et v. Mediterranean Film Studios Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' April, 2010);

37. Din il-qorti sejra tibda bl-ewwel stadju billi tisħarreġ jekk xi wieħed jew aktar mill-konvenuti għandux iwieġeb għad-danni li l-attur qiegħed jgħid li ġarrab. L-imġiba li twassal biex tintrefa' responsabbiltà ċivili tista' tkun waħda li tinstilet kemm minn għemil li sar bil-ħsieb (doluż) u kif ukoll minn għemil jew omissjoni li seħħ bi traskuraġni jew negliġenza (kolpuż) (ara ***Michael D'Amato nomine v. Filomena Spiteri et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2003);

38. Huwa prinċipju miżmum li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha (ara l-**artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Hekk ukoll, jitqies fil-ħtija kull min, f'għemilu ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' ġenitur tajjeb tal-familja (ara l-**artikolu 1032(1) tal-Kapitolu 16**). B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk (ara l-**artikolu 1033 tal-Kapitolu 16**). Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor (ara l-**artikolu 1029 tal-Kapitolu 16**);

39. Fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-ommissjoni tal-parti l-oħra, hija jeħtiġilha tipprova kemm l-att jew l-ommissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-ommissjoni, u kif ukoll li d-danni li hija ġarrbet huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-ommissjoni (ara ***Giovanni Vella et v. Michael Ċilia et***, Appell Inferjuri, 23 ta' Ġunju, 2004 u ***Mary Grace Cassar et v. Raymond Duca et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 7 ta' Novembru, 2014);

40. Fil-każ tagħna, l-attur jisħaq li d-danni li huwa ġarrab fl-appartament tiegħu huma l-konsegwenza diretta ta' għemejjel u kif ukoll ta' ommissjonijiet min-naħa tal-konvenuti Camilleri. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti Camilleri jgħidu li huma ma jaħtu xejn għall-

inċident li seħħ fit-23 ta' Lulju, 2016 għaliex dak li ġara dakinhar ma kien xejn għajr każ fortuwitu jew aċċident;

41. Il-qorti titlaq billi tgħid li f'dan il-każ m'hemmx dubju li l-ħsarat li ġarrab l-appartament tal-attur huma konsegwenza diretta tan-nar li ħakem il-garaxx bin-numru 83 fl-istess triq dakinhar tat-23 ta' Lulju, 2016. Skont ir-rapport tal-espert ġudizzjarju, il-perit Marielouise Caruana Galea li ġie ppreżentat fl-atti ta' din il-kawża fil-25 ta' Frar, 2019 (ara minn paġni 182 sa 214 tal-atti tal-kawża), l-appartament inkwistjoni kien espost għal temperatura ferm għolja li tvarja bejn l-400°C u s-600°C għal madwar ħames sigħat u kwart. Din is-sħana tremenda wasslet biex l-appartament safa vittma tal-ħsarat hawn taħt imsemmija:

i. konsenturi li jinfirxu fuq il-parti tal-appoġġ li tinsab fil-komun tat-taraġ, konsentura taħt it-taraġ u fili miftuħin fil-madum tal-pjan tat-taraġ;
ii. tnaqqis fis-saħħa tal-ħajt tal-ġebel fil-pjan terran, li għalkemm ma kienx qiegħed joħloq sitwazzjoni ta' periklu, kien qiegħed jillimita l-potenzjal li jinbnew iktar sulari minn dawk eżistenti fuq il-blokka bin-numru 81;
iii. f'dak li għandu x'jaqsam mal-kamra tas-sodda ta' wara li tagħti għal fuq il-bitħa interna: konsentura fl-appoġġ u fil-ħajt tal-kartabun fejn hemm it-tieqa, konsentura tat-tip *hairline* fis-saqaf, konsentura fil-blata tat-tieqa u ħsarat fiz-zokklu li jdur ma' din il-kamra;
iv. konsenturi wiesgħa u oħrajn żgħar fil-ħitan tal-kamra tas-sodda ta' wara li tagħti għall-bitħa ta' wara u kif ukoll konsentura tat-tip *hairline* fis-saqaf, konsentura fil-blata tat-tieqa u ħsarat fiz-zokklu li jdur ma' din il-kamra; u
v. ċaqliq 'il barra tal-ħajt ta' wara tal-kamra tas-sodda mil-livell tas-saqaf tal-garaxx bin-numru 83 'il fuq, liema ċaqliq wassal għal nuqqas ta' sħuħija f'dan il-ħajt u kif ukoll fil-ħajt tal-appoġġ;

42. Skont l-istess perit Caruana Galea, l-attur kien sejjer ikollu jagħmel diversi spejjeż sabiex isewwi dawn il-ħsarat (ara r-rapport tal-espert ġudizzjarju ppreżentat fis-17 ta' Settembru, 2019, f'paġni 230 u 231 tal-atti tal-kawża);

43. Li rridu naraw mela huwa jekk il-konvenuti għandhomx tort għal dak li ġara;

44. Iżda qabel mal-qorti tgħaddi biex tgħarbel il-provi sabiex tiddetermina x'seta' wassal biex il-garaxx bin-numru 83 inħakem bin-nar, ikun xieraq li tiġi spjegata d-differenza bejn forza maġġuri u każ fortuwitu. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li l-forza maġġuri hija dik il-forza naturali bħal terremot li għaliha huwa impossibbli li wieħed jirreżisti, filwaqt li l-każ fortuwitu hija dik il-ġrajja li ma setgħetx tiġi mbassra minn persuna ta' diliġenza ordinarja (ara ***Albert Borġ Falzon pro et noe v. Charles Darmanin pro et noe***, Appell Kummerċjali, 7 ta' Ġunju, 1940). F'dan il-każ, l-imħarrkin Camilleri jsejsu d-difiża tagħhom fuq it-tieni kawżali;

45. Biex sitwazzjoni partikolari tkun tista' tiġi identifikata bħala każ fortuwitu jew aċċident, l-event dannuż irid ikun wieħed imprevedibbli u inevitabbli. Biex wieħed jikkonkludi jekk l-event dannuż setax jiġi meqjus bħala wieħed probabbli qabel ma jseħħ, wieħed jeħtieġlu jindaga jekk id-danneġġjant ikunx ġab ruħu bħala ġenitur tajjeb tal-familja. Fin-nuqqas, wieħed ma jkunx jista' jgħid li seħħ aċċident (ara ***Kurunell Hugh Philip Raymond noe v. Negte Manwel Busuttil pro et noe***, Appell Kummerċjali, 16 ta' Novembru, 1942). Minbarra dan, biex konvenut jipprova b'suċċess id-difiża tal-każ fortuwitu, huwa jrid juri n-nuqqas ta' ħtija min-naħa tiegħu bħala l-kawża tal-ħsara, kemm dik li sseħħ minnufih u kif ukoll dik li tkun tista' sseħħ aktar 'il quddiem (ara ***George Bonniċi nomine v. Nicholas Ellul et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 2 ta' Frar, 2005). L-oneru tal-prova dwar kawżali bħal din, jaqa' dejjem fuq dak li jkun qiegħed iqajjem din id-difiża (ara ***Consiglia Fenech v. Angelo Carabott***, Appell Kummerċjali, 17 ta' Novembru, 1941 u ***Alfred Delia v. Segretarju Permanenti u d-Direttur tat-Toroq et***, Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004);

46. Mill-provi jirriżulta li fis-sigħat bikrin ta' filgħodu tat-23 ta' Lulju 2016, ċertu Salvatore Miano, ċittadin Taljan li kien joqgħod fl-appartament ta' fuq nett, li jagħmel parti mill-istess blokka fejn kien hemm il-garaxx bin-numru 83 fi Triq Carmelo Dimech, fil-Mosta, mar iħabbat lil Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) sabiex jinfurmah li hu u l-familja tiegħu

kienu qegħdin ixommu riħa ta' ħruq fl-appartament tagħhom. Minbarra dan, huma kienu osservaw li mill-garaxx kien ħiereġ id-duħħan;

47. Kif sema' hekk, Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) mar jiġri jqajjem lil ibnu Mario Pio Camilleri u kompla biex jiftaħ il-bieb tal-garaxx bin-numru 83, liema bieb kien imsakkar. Hekk kif fetaħ il-bieb prinċipali tal-garaxx fuq folja waħda, huwa skopra li kien hemm in-nar fuq in-naħa ta' ġewwa tal-garaxx fejn kien hemm it-trakkijiet ipparkjati;

48. Wara ftit, wasal fuq il-post Mario Pio Camilleri. Dan kompla jiftaħ il-bqija tal-folji l-oħra tal-bieb tal-garaxx u daħal ġewwa sabiex jipprova jitfi n-nar, li sa dak il-ħin kien għadu qed jaqbad taħt it-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574, permezz ta' ċilindru tat-tifi tan-nar. Madankollu, it-tentattiv tiegħu biex jitfi n-nar falla bil-kbir, tant li n-nar kien qiegħed isir aktar perikoluż u b'konsegwenza t'hekk kien sejjer jispiċċa jinħaraq hu wkoll. F'dak il-punt, Mario Pio Camilleri qata' qalbu li jirnexxilu jitfi n-nar u għalhekk huwa ħareġ 'il barra mill-garaxx;

49. Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Salvatore Miano ħadu ħsieb li jċemplu lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sabiex il-ħaddiema tad-Dipartiment imorru fuq il-post bil-għan li jitfu n-nar. Dawn waslu fuq il-post madwar nofs siegħa wara u ħadu ħsieb li jikkontrollaw u jitfu n-nar. Din l-attività ħaditilhom numru ta' sigħat;

50. B'kawża tan-nar l-erba' vetturi li kien hemm fil-garaxx inkwistjoni ġew distrutti kompletament filwaqt li l-istess garaxx ġarrab ħsarat serji minn lenti strutturali;

51. L-espert forensiku li ġie maħtur fl-inkjesta maġisterjali kien tal-fehma li n-nar li ħakem il-vetturi ġewwa l-garaxx kien wieħed aċċidentali u ma seħħx b'kawża ta' għemil doluż (ara r-relazzjoni tal-espert forensiku f'paġni 142 sa 163 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS). L-espert seta' jiddetermina dan wara li stabbilixxa li l-bibien tal-garaxx, kemm dak prinċipali ta' quddiem u kif ukoll dak ta' wara nett, ma kellhom l-ebda evidenza ta' żgass (għalkemm l-espert irriżultalu li l-bieb li kien jagħti għall-bitħa fuq in-naħa ta' wara tal-garaxx kien miftuħ). Wara li l-espert sema' l-verżjonijiet ta' Emanuel

Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri, huwa seta' jikkonkludi li kien diffiċli ferm li l-vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni HST 002, HST 003 u HST 004 setgħu ħadu n-nar permezz ta' xort elettriku. L-espert seta' jasal għal din il-konklużjoni peress li dawn il-vetturi kienu ilhom ġranet ma jintużaw, jekk mhux anke ġimgħat u barra minn hekk, dawn il-vetturi kienu mgħammra bi swiċċ prinċipali (*main switch*);

52. Madankollu, mhux l-istess seta' jingħad dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574. Dan it-trakk, li kien intuża minn Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) madwar ħdax-il siegħa qabel seħħ l-inċident, ma kellux swiċċ prinċipali, u għalhekk, skont l-espert forensiku, minkejja li dan kien mitfi, xorta waħda kien possibbli li jgħaddi kurrent tal-elettriku mill-batterija għal ġewwa l-wajers li jissupplixxu d-diversi komponenti elettroniċi tat-trakk. Xort elettriku bħal dan jista' jiġri f'kull ħin, anke meta l-vettura tkun mitfija. Dan iseħħ meta l-plastik insulattiv ikun tgħarraq sa tali punt li jkun jista' jseħħ kuntatt bejn il-wajer ħaj (*live)* li jkollu l-*insulation* imħassra u l-*earth point* fix-*chassis* tal-vettura. Il-kurrent tal-elettriku li jgħaddi f'dak il-punt ikollu reżistenza baxxa u jkun qawwi biżżejjed b'tali mod li jkun jista' jagħti n-nar lill-plastik tal-*insulation* tal-wajer, li mbagħad jinfirex fuq oġġetti kombustibbli li jkunu viċin. Biex jiġi evitat xort elettriku bħal dan il-batterija tal-vettura tkun trid tiġi maqlugħa (ara x-xiehda ta' Dr. Daniel Vella f'paġna 136 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS);

53. Għalkemm l-espert forensiku ma setax jasal għall-konklużjoni tiegħu b'ċertezza, din kienet l-aktar spjegazzjoni plawsibbli li seta' jasal għaliha l-istess espert, jiġifieri li n-nirien fil-garaxx numru 83 bdew b'kawża ta' xort elettriku fit-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574. Dan ukoll għaliex il-magna ta' dan it-trakk inħarqet kollha kemm hi (ara x-xiehda ta' Dr. Daniel Vella f'paġna 129 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS);

54. L-espert forensiku kien tal-fehma wkoll li n-nar, li kien qiegħed jaqbad relattivament bil-mod minħabba l-ammont baxx ta' ossiġnu li kien hemm fil-garaxx, kompla jikber meta Mario Pio Camilleri kompla jiftaħ il-folji kollha tal-bibien tal-garaxx qabel ma daħal ġewwa biex jipprova jitfi n-nar. Bil-garaxx miftuħ beraħ, l-arja li kien hemm fil-garaxx

inbidlet f'waħda friska u mimlija ossiġnu minn barra. Peress li l-bieb li jagħti għall-bitħa li kien hemm fuq in-naħa ta' wara tal-garaxx kien miftuħ, dan wassal biex inħolqu kurrenti ta' arja ossiġenata kiesħa li bdew deħlin mill-bieb prinċipali ta' quddiem, jaqsmu t-tul kollu tal-garaxx, u joħorġu jaħarqu mill-bieb sekondarju li jagħti għall-bitħa. Minħabba dawn il-kurrenti ta' arja n-nar beda jinfirex b'mod aktar aggressiv għal fuq it-trakkijiet l-oħra li kienu pparkjati maġenb it-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 u kif ukoll beda jiġi mbuttat lura lejn in-naħa ta' wara tal-garaxx;

55. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-garaxx bin-numru 83 kien jintuża esklussivament minn Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) biex iżomm fih il-vetturi kummerċjali tiegħu u affarijiet relatati mal-vetturi u max-xogħol tiegħu, bħal laned taż-żjut (ara l-affidavit ta' Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) f'paġna 330 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS, ix-xiehda ta' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) f'paġna 338 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS u x-xiehda ta' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) f'paġna 440 tal-atti ta' din il-kawża). Huwa kellu l-kunsens ta' missieru Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u ta' ħuh Mario Pio Camilleri biex jagħmel dan (ara x-xiehda ta' Mario Pio Camilleri f'paġni 432 u 433 tal-atti ta' din il-kawża u x-xiehda ta' Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) f'paġni 435 u 436 tal-atti ta' din il-kawża). Il-vetturi li kienu jinżammu fil-garaxx bin-numru 83 kienu kollha proprjetà ta' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) imma ġie spjegat li t-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 inxtara fiż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta Jacqueline Camilleri. Aktar tard, fis-sena 2019, Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) u Jacqueline Camilleri sseparaw (ara x-xiehda ta' Jacqueline Camilleri f'paġna 434 tal-atti ta' din il-kawża). Ġie spjegat ukoll li l-garaxx bin-numru 83, fejn seħħew in-nirien, kien armat b'numru ta' ċilindri tat-tifi tan-nar iżda ma kienx attrezzat b'*fire alarm* jew *smoke alarm* (ara x-xiehda ta' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) f'paġna 338 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS u wkoll ix-xiehda tiegħu f'paġni 438 sa 440 tal-atti ta' din il-kawża);

56. Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) stqarr ukoll li lejliet li seħħ l-inċident, jiġifieri fit-22 ta' Lulju, 2016, huwa daħħal it-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 fil-garaxx bin-numru 83 u kien beħsiebu jħallih hemm għal tmiem il-ġimgħa kollu

għaliex kien sejjer iqatta' tmiem il-ġimgħa f'Kemmuna. Ikkonferma li qabel telaq lejn Kemmuna huwa ma kienx qala' l-batterija tal-imsemmi trakk (ara x-xiehda tiegħu f'paġni 438 sa 440 tal-atti ta' din il-kawża);

57. Meqjus dan kollu, din il-qorti ma tistax tgħid b'ċertezza x'kien dak li kkawża n-nar fil-garaxx bin-numru 83. Minkejja dan, il-qorti tqis li hawnhekk mhux qegħdin fil-kamp kriminali. F'materja ċivili, b'differenza għal dik kriminali, il-konvinzjoni tal-ġudikant trid tkun imsejsa fuq il-bilanċ tal-probbabiltajiet. Din il-konvinzjoni tista' tkun ibbażata kemm fuq xhieda u kif ukoll fuq inferenzi li jistgħu jinstiltu minnhom (ara ***Harvey v. Attard***, Appell Superjuri, 11 ta' Novembru, 1968, ***Carmelo Mallia nomine v. Andrew Camilleri***, Qorti tal-Kummerċ, 16 ta' Ġunju, 1969, u ***Korporazzjoni Enemalta v. V&C Contractors Limited***, Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010);

58. Lura għall-każ tagħna, huwa ovvju li n-nar ma ġiex mix-xejn. Xi ħaġa li kien hemm fil-garaxx bilfors li ta bidu għan-nar. L-unika spjegazzjoni raġonevoli li toħroġ mill-atti hija li n-nar beda mit-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574. Wara kollox, kien il-konvenut Mario Pio Camilleri stess li qal li meta daħal fil-garaxx ra li n-nar kien għadu qed jaqbad taħt l-imsemmi trakk;

59. Imma anke mingħajr din l-istqarrija ta' Mario Pio Camilleri, din il-qorti xorta waħda temmen li x'aktarx in-nar beda minħabba f'difett li kellu t-trakk tal-marka Isuzu;

60. Għalkemm bħala stat ta' fatt l-espert forensiku Daniel Vella ma setax jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar kif beda n-nar b'ċertezza, din il-qorti temmen li hija ferm probabbli l-ipotesi tal-istess espert li n-nar fil-garaxx bin-numru 83 beda b'kawża ta' xort elettriku fit-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574. L-espert forensiku eskluda li n-nar seta' beda b'xi intervent uman għaliex il-bibien tal-garaxx, kemm dak prinċipali ta' quddiem u kif ukoll dak ta' wara nett, kienu msakkrin u ma kellhom l-ebda evidenza ta' żgass. L-istess espert ikkonkluda wkoll li kien diffiċli ferm li l-vetturi l-oħra li kien hemm fil-garaxx setgħu ħadu n-nar permezz ta' xort elettriku għaliex dawn il-vetturi, kuntrarjament għat-trakk tal-marka Isuzu, kienu mgħammra bi swiċċ prinċipali;

61. Għalkemm Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) jisħaq li dan it-trakk kien f'kundizzjoni tajba u kien isir manutenzjoni fuqu regolarment, jirriżulta li dan ma kienx għalkollox il-każ għaliex huwa naqas milli jieħu ħsieb li l-wajers li jaqdu d-diversi komponenti elettroniċi tat-trakk ikunu miżmuma tajjeb. Hekk ukoll, minkejja li f'Mejju tas-sena 2016, jiġifieri madwar xahrejn qabel seħħ l-inċident, it-trakk kien għadda mit-test tal-VRT, madankollu, fl-istadju tal-provi ġie ċċarat li permezz tal-eżami ta' VRT, ma jsirux kontrolli fuq il-parti elettronika tal-magna tal-vettura (ara x-xiehda ta' Victor Attard f'paġna 308 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS);

62. Bħala sid it-trakk, Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) kellu l-obbligu li jaċċerta ruħu li t-trakk kien meħlus minn kwalunkwe difetti, kemm biex jieħu ħsieb is-sigurtà tiegħu u kif ukoll għall-ħarsien tas-sigurtà ta' terzi. Wara kollox, huwa kien jaf li kien qiegħed iħalli t-trakk ġewwa garaxx li kien imdawwar b'fondi residenzjali fejn jgħixu u jorqdu n-nies u għalhekk huwa kellu d-dmir li jiżgura li joqgħod attent li t-trakk proprjetà tiegħu ma jkun tal-ebda periklu għal ħaddieħor;

63. Din il-qorti ma taqbilx li dan kien każ sfortunat li ma setax jiġi mbassar minn qabel. Mhijiex ħaġa ta' barra minn hawn li vettura tieħu n-nar minħabba *electrical shorts*. Nisimgħu ħafna każijiet fl-aħbarijiet fejn karozzi jieħdu n-nar waħidhom minħabba li jkun hemm wajers mikxufin jew wajers mhux miżmuma sew. Fuq kollox, din mhijiex l-ewwel kawża għad-danni li nfetħet minħabba ħsarat li nħolqu min-nirien li kellhom il-bidu tagħhom f'xort elettriku li seħħ f'vettura u li nfirex fuq il-postijiet tal-madwar (ara ***Ivor Zammit nomine v. Christopher Agius et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru, 2003 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2016). F'dan is-sens għalhekk il-konvenuti fiż-żgur ma jistgħux jgħidu li dak li ġara fit-23 ta' Lulju, 2016 ma kienx prevedibbli;

64. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited nomine v. Falcotrans Limited nomine*** deċiża fit-28 ta' Ġunju, 2013, li kienet dwar kawża fejn vettura ħadet in-nar minħabba nuqqas ta' manutenzjoni xierqa tal-batterija, «*il-każ fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun*

*prevedut minn persuna ta' ordinarja diliġenza (**Kollez. Vol. XXX pI p. 869**). Intqal ukoll illi biex ikun hemm il-każ fortuwitu, mhux biżżejjed avveniment insolitu imma jeħtieġ li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja (**Kollez. Vol. XXXV p II p. 637**).*»;

65. Illi kif ġa ngħad, mhijiex xi ħaġa straordinarja li vettura tiegħu n-nar minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tal-wajers. Kien jaqa' fuq Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) bħala sid tat-trakk illi jieħu ħsieb li jara li dawn il-wajers ikunu fi stat tajjeb u li jekk hemm bżonn jieħu t-trakk għat-tiswija għand *electrician* tal-karozzi jekk huwa ma jifhimx fid-dawl. Jiġi b'hekk, li l-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) ma jistax jinħeba wara l-iskuża tal-aċċident biex jipprova jfarfar minn fuqu r-responsabbilità ta' dak li ġara;

66. Dan jgħodd aktar u aktar, meta wieħed iqis li Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), minkejja li huwa kien jaf li t-trakk tal-marka Isuzu ma kellux swiċċ prinċipali bħall-bqija tal-vetturi l-oħra li kien iżomm fil-garaxx, qabad u telaq għal tmiem il-ġimgħa lejn Kemmuna mingħajr ma indenja ruħu jaqla' l-batterija tat-trakk. Li kieku għamel dan, ma kien jiġri xejn mill-akkadut;

67. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li għalkemm Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) ma kienx l-uniku sid tal-garaxx bin-numru 83, huwa kien l-uniku wieħed li kien qiegħed jagħmel użu minnu. Dan l-użu kellu jagħmlu bid-diliġenża mistennija minn persuna bil-għaqal;

68. B'żieda ma' dan, din il-qorti jidhrilha li Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) ma ġabx ruħu ta' persuna bil-għaqal għaliex huwa naqas li jgħammar l-imsemmi garaxx bi *smoke alarm* jew *b'fire alarm*. Huwa minnu li Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) ħa ħsieb li fil-garaxx ikun hemm iċ-ċilindri tat-tifi tan-nar, iżda fil-każ tagħna dan ma kienx biżżejjed tant li t-tentattiv ta' Mario Pio Camilleri li jitfi n-nar bihom ma kienx wieħed fejjiedi. Wieħed ma jridx jinsa li f'dan il-każ, in-nar kellu l-bidu tiegħu fis-satra tal-lejl, waqt li n-nies kienu reqdin. L-installazzjoni ta' *smoke alarm* jew *fire alarm* kienet kruċjali biex jiġi evitat l-inċident mertu ta' din il-kawża għaliex dawn fiż-żgur kienu sejrin jgħinu biex tinġibed l-attenzjoni tar-residenti tal-madwar li kien beda n-nar waqt li dan kienu għadu fil-bidu nett tiegħu;

69. Terġa’ u tgħid, l-installazzjoni ta’ *smoke alarm* jew *fire alarm* kienet aktar u aktar meħtieġa meta wieħed iqis li Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) kien iżomm laned taż-żjut ġewwa l-garaxx bin-numru 83. Għalkemm fil-każ tagħna dawn il-laned taż-żjut ma għenux biex in-nar ikompli jikber (ara x-xiehda ta’ Dr. Daniel Vella f’paġni 335 u 336 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS), il-qorti tqis li ż-żamma ta’ dawn il-laned taż-żejt, li wara kollox huwa klassifikat bħala materjal li jista’ jaqbad (ara x-xiehda ta’ Frederick Sammut f’paġni 116 sa 119 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS), kellha raġonevolament timmotivah sabiex jinstalla *smoke alarm* jew *fire alarm* fil-garaxx imsemmi. Il-prudenza eżerċitata minn persuna bil-għaqal hekk titlob;

70. Għalhekk, fid-dawl ta’ dan kollu, il-qorti qiegħda ssib li Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) għandu jġorr responsabblità għan-nar li qabad fil-garaxx bin-numru 83 fit-23 ta’ Lulju, 2016, kemm għaliex dak li ġara seta’ jiġi evitat u kif ukoll għaliex il-ħsarat li ġarrab l-attur fl-appartament tiegħu saru direttament bi ħtija tiegħu;

71. Imiss issa li l-qorti tistħarreġ jekk il-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), Mario Pio Camilleri, Paul Camilleri u Jacqueline Camilleri għandhomx iwieġbu huma wkoll għad-danni li ġarrab l-attur;

72. Kif spjegat aktar ‘il fuq, Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri kienu l-ewwel tnejn li marru fuq il-post wara li qabad in-nar. L-ewwel wieħed li mar fuq il-post kien Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), li fetaħ il-bieb prinċipali tal-garaxx fuq folja waħda. Warajh wasal Mario Pio Camilleri, li kompla jiftaħ il-bqija tal-folji l-oħra tal-bieb tal-garaxx u daħal ġewwa sabiex jipprova jitfi n-nar. Il-qorti tinnota li l-espert forensiku kien tal-fehma li hekk kif il-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri fetħu l-bieb prinċipali tal-garaxx beraħ, inħolqu kurrenti ta’ arja li wasslu biex in-nar beda jinfirex b’mod aktar aggressiv. Fl-opinjoni tal-espert kien dan li wassal biex il-ħruq kien wieħed ta’ dik l-intensità;

73. Il-qorti tifhem illi dak li wettqu l-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri għamluh b'nuqqas ta' ħsieb għaqli, frott il-paniku li kellhom fuqhom f'dak il-mument. Madankollu, dan ma jeħlishomx mir-responsabbiltà għall-akkadut għaliex il-ħsara li huma wettqu kienet waħda pjuttost prevedibbli. Tassew, mhuwiex daqstant diffiċli biex wieħed jifhem li n-nar kien sejjer jitħeġġeġ aktar ladarba dan ġie mgħejjun minn arja friska li kienet qiegħda tidħol minn barra l-garaxx. Il-qorti temmen bis-sħiħ li l-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri huma konsapevoli tal-fatt li huma żbaljaw meta fetħu beraħ il-bieb prinċipali tal-garaxx. Tant hu hekk, li meta waqt li kien qiegħed isir il-kontro-eżami ta' Mario Pio Camilleri fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2021 u l-qorti staqsietu jekk huma kinux ħallew il-bieb miftuħ, il-konvenut infixel u ma kienx jaf x'sejjer jaqbad iwieġeb (ara x-xiehda ta' Mario Pio Camilleri f'paġna 362 tal-atti tal-kawża bin-numru 270/2018CFS). F'dak il-mument, il-qorti kif impoġġija ħarset sew lejn l-espressjoni ta' wiċċu u mill-imġiba tiegħu, hija setgħet tara li l-konvenut Mario Pio Camilleri kien qed jaċċetta li hu u missieru kienu wettqu żball li kkontribwixxa biex dakinhar tal-inċident in-nar kompla jiggrava;

74. Il-qorti tifhem ukoll li Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), bħala l-ewwel wieħed li mar fuq il-post, kellu ta' bilfors jiftaħ il-bieb prinċipali tal-garaxx biex jara x'kien qiegħed jiġri ġewwa. Minkejja dan, minn imkien ma jirriżulta mill-atti li l-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri għalqu l-bieb prinċipali tal-garaxx wara li Mario Pio Camilleri ħareġ minn ġewwa l-garaxx, u li żammewh hekk magħluq sakemm waslu l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fuq il-post. Il-qorti temmen li s-sitwazzjoni kienet tkun ferm inqas gravi li kieku l-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri ċemplu mill-ewwel għall-għajnuna u qagħdu jistennew l-assistenza tasal fuq barra tal-garaxx, bil-bieb prinċipali tiegħu magħluq;

75. Huwa veru li wara kulħadd għaref. Imma mill-atti tal-kawża ma ntweriex li Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri kienu mħarrġa fit-tifi ta' nar. Bniedem għaqli f'sitwazzjoni bħal dik kien ifittex mill-ewwel għall-għajnuna tal-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u mhux jipprova jitfi n-nar huwa stess. Huwa ċar li kieku dawn talbu għall-għajnuna, in-nar ma kienx jikber u jinfirex għall-appartament tal-

attur. Wara kollox, kien il-konvenut Mario Pio Camilleri stess li stqarr waqt il-kontro-eżami tiegħu li n-nar ma kienx wieħed qawwi meta huwa daħal fil-garaxx u li dan in-nar ifferoċja wara li fetaħ il-bieb tal-garaxx;

76. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li min jikkontribwixxi għall-perikolu, għalkemm ma jintweriex li kien hu li għamel il-ħsara, m'għandux jinħeles mir-responsabbiltà. Fil-każ tal-lum, hemm żewġ kawżi probabbli għall-ħolqien u għall-qilla tan-nar: (i) min-naħa l-waħda, id-diversi nuqqasijiet min-naħa ta' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), fosthom li ma wettaqx manutenzjoni xierqa fuq it-trakk tiegħu, li ma qalax il-batterija tat-trakk qabel telaq lejn Kemmuna biex iqatta' tmiem il-ġimgħa hemmhekk u li m'għammarx il-garaxx bi *smoke jew fire alarm*, (ii) u min-naħa l-oħra n-nuqqas ta' ħsieb għaqli ta' Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri meta huma fetħu beraħ il-bieb prinċipali tal-garaxx;

77. Il-fatt li mhux magħruf b'ċertezza x'kienet il-kawża tal-qilla tan-nar li seħħ dakinhar - jekk kienx it-tort ta' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) waħdu jew jekk kienx it-tort tiegħu flimkien ma' Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri – ma jeskludix ir-responsabbiltà tagħhom għax il-probabbiltà li dak li seħħ kien it-tort tagħhom kollha flimkien hemmhekk tibqa', u għalhekk il-piż li jippruvaw mod ieħor kien fuqhom;

78. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell dan l-aħħar fis-sentenza ***Paul Pulliċino v. Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet*** deċiża fit-30 ta' Marzu, 2022:

> *«Min jikkontribwixxi għall-perikolu għalkemm ma jintweriex li kien hu li għamel il-ħsara ma għandux jinħeles mir-responsabilità, kif igħallem Ulpjanu:*
>
> *»Sed si plures servum percusserint, utrum omnes quasi occiderint teneantur, videamus. et si quidem apparet cuius ictu perierit, ille quasi occiderit tenetur: quod si non apparet, omnes quasi occiderint teneri iulianus ait, et si cum uno agatur, ceteri non liberantur: nam ex lege aquilia quod alius præstitit, alium non relevat, cum sit poena.« (Dig. 9.2.11.2 Ulpianus 18 ad ed.)*
>
> *Il-grad meħtieġ ta' prova f'kawża bħal dik tallum huwa dak tal-probabilità, u meta jikkonkretizza ruħu l-perikolu .... hemm il-probabilità*

*(għalkemm fil-każ tallum hija ċ-ċertezza) illi l-ħolqien tal-perikolu ... kien il-kawża tar-riżultat .... Minn hemm toħroġ ir-responsabilità.*

*...*

*Li tirraġuna mod ieħor ikun ifisser illi meta tnejn min-nies ikunu ħolqu l-perikolu iżda ma ma jintweriex min minnhom kien li effettivament għamel il-ħsara għalkemm bilfors kien wieħed minnhom, mela ħadd minnhom ma jista' jitqies responsabbli u jkun, fi kliem Ġuljanu, longe absurdius neutrum lege aquilia teneri (Dig. 9.2.51.2 Iulianus 86 dig.)»*

79. Il-qorti tħoss li bl-intervent tagħhom il-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri spiċċaw biex għarrqu aktar is-sitwazzjoni, hekk kif wara kollox hija l-opinjoni tal-espert imqabbad minnha. Għalhekk huwa xieraq li anke huma jwieġbu għall-ħsara li saret fl-appartament tal-attur, ladarba huma għamluha tal-pružuntuži meta ppruvaw jitfu n-nar waħidhom minflok talbu għall-għajnuna ta' nies kompetenti;

80. F'dak li jolqot ir-responsabbiltà tal-konvenut Paul Camilleri għall-inċident tat-23 ta' Lulju, 2016, din il-qorti ma tħossx li hija għandha ssib xi ħtija fih għal dak li ġara. Kif ngħad aktar 'il fuq, il-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) kien l-uniku wieħed li kien qiegħed jagħmel użu mill-garaxx bin-numru 83. Mill-atti ma jirriżultax li Paul Camilleri, li jinsab imsiefer, kellu xi kontribut fl-inċident li seħħ dakinhar tat-23 ta' Lulju, 2016. Għalhekk, din il-qorti qiegħda ssib li Paul Camilleri mhuwiex responsabbli għall-ħsarat li ġew ikkawżati lill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident;

81. Jifdal biss li l-qorti tistħarreġ jekk il-konvenuta Jacqueline Camilleri għandhiex iġġorr xi sehem mir-responsabbiltà għad-danni li sofra l-attur Michael Camilleri. Min-naħa tagħha Jacqueline Camilleri tgħid li m'hijiex komproprjetarja tal-garaxx bin-numru 83 u allura ma taħti bl-ebda mod għad-danni mitluba mill-attur;

82. Mill-provi jirriżulta li Jacqueline Camilleri fil-fatt mhijiex waħda mis-sidien tal-garaxx bin-numru 83. Madankollu, it-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 inxtara fiż-żwieġ tagħha mal-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) u għalhekk kif tgħid hija stess fl-eċċezzjoni mogħtija minnha, Jacqueline Camilleri hija sidt ta' dan it-trakk flimkien ma' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M);

83. Għalkemm ġie allegat li Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) u Jacqueline Camilleri huma mifruda minn xulxin sa mill-2019, ma tressqet l-ebda prova quddiem din il-qorti dwar jekk is-separazzjoni ta' Jacqueline Camilleri minn ma' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) kinitx waħda legali jew sempliċiment waħda *de facto*. Lanqas ġie indikat li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom ġiet maħlula jew li Jacqueline Camilleri m'għadhiex sidt it-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 flimkien ma' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M). Għalhekk, il-qorti sejra tqis li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom għadha fis-seħħ;

84. Ladarba din il-qorti sabet li Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fit-23 ta' Lulju, 2016, id-dejn relattiv li jrid jitħallas bħala riżarċiment tad-danni mġarrba mill-attur, huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn Jacqueline Camilleri. Dan qiegħed jingħad għaliex fil-dawl tal-**artikolu 1327(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-kreditu tal-attur, li eventwalment sejjer jiġi likwidat minn din il-qorti, huwa dovut bħala rimedju ċivili minn Jacqueline Camilleri bħala mart Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) ladarba jirriżulta li d-dejn relattiv ta' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) ma twelidx minn reat li sar volontarjament. Għalhekk, għalkemm din il-qorti mhijiex qiegħda ssib li Jacqueline Camilleri b'xi mod u manjiera kkontribwiet biex seħħ l-inċident tat-23 ta' Lulju, 2016, madankollu bħala membru fil-komunjoni tal-akkwisti ma' żewġha Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), hija għandha tinżamm responabbli għad-danni *in solidum* flimkien ma' żewġha Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) (ara f'dan is-sens ***Tabib Dottor Dodfrey Borġ et v. Gaetano Bartolo et***, Appell Superjuri, 28 ta' Settembru, 2007);

85. Meqjus dan kollu, fil-fehma tal-qorti, il-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) għandu jerfa' l-aktar piż għall-inċident li seħħ fit-23 ta' Lulju, 2016, għaliex il-ħtija prinċipali għall-akkadut hija tiegħu, filwaqt li Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) u Mario Pio Camilleri servew biss bħala strumenti li aggravaw il-qawwa tan-nar;

86. Din il-qorti tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq, Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) u Jacqueline Camilleri għandhom jagħmlu tajjeb għal 50% tad-danni. Għal dan is-sehem ta' 50% il-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Jacqueline Camilleri u GasanMamo Insurance Limited għandhom jinżammu responsabbli *in solidum:* (i) Jacqueline Camilleri minħabba li d-dejn inkwistjoni huwa wieħed fuq il-komunjoni tal-akkwisti; u (ii) GasanMamo Insurance Limited minħabba li meta seħħ l-inċident t-trakk tal-marka Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBI 574 kien kopert b'assigurazzjoni mingħandha fuq bażi *Third Party Only;*

87. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri għandhom jerfgħu r-responsabbiltà ta' 25% kull wieħed għad-danni mġarrba mill-attur;

88. Ladarba din il-qorti stabbiliet il-parti tal-ħsara li kull wieħed mill-konvenuti responsabbli għandu jagħmel tajjeb għaliha, u ladarba ma nstabx li xi wieħed mill-konvenuti responsabbli aġixxa dolożament, din il-qorti qiegħda tiddikjara li m'għandux ikun hemm solidarjetà bejn Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Jacqueline Camilleri u GasanMamo Insurance Limited min-naħa l-waħda u Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri fuq in-naħa l-oħra. Għall-istess raġuni lanqas għandu jkun hemm solidarjetà bejn il-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri (ara f'dan is-sens l-**artikolu 1050(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, ***Alison Pace v. Christopher Agius et***, Appell Superjuri, 23 ta' Novembru, 2020 u ***L-Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Carmel Spiteri et***, Appell Superjuri, 24 ta' Ġunju, 2021);

89. Għalhekk, kif ġie spjegat aktar 'il fuq, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ huma biss il-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Jacqueline Camilleri u GasanMamo Insurance Limited li qegħdin jinżammu responsabbli *in solidum* għal 50% tal-ħsara li ġarrab l-attur;

90. Għalhekk, f'dan is-sens **qegħdin jintlaqgħu l-ewwel, it-tieni, u r-raba' talbiet tal-attur Michael Camilleri**;

91. Imiss issa li jiġu mistħarrġa t-**<u>tielet talba tal-attur</u>** fejn huwa qiegħed jitlob dikjarazzjoni li huwa ġarrab danni għaliex il-konvenuti ma wettqux it-tiswijiet meħtieġa fil-garaxx bin-numru 83 u s-**<u>seba' talba tal-attur</u>** biex il-konvenuti jiġu ordnati jwettqu t-tiswijiet meħtieġa fil-garaxx imsemmi, flimkien mal-**<u>ħames eċċezzjoni tal-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), Paul Camilleri, Jacqueline Camilleri u Mario Pio Camilleri;</u>**

92. L-attur Michael Camilleri jisħaq li għal żmien twil il-konvenuti naqsu milli jsewwu l-ħsarat li kellhom fil-garaxx numru 83, u b'konsegwenza ta' dan, huwa ġarrab telf ta' qligħ mill-kera. Dakinhar li seħħ l-inċident fit-23 ta' Lulju, 2016, l-appartament tal-attur kien mikri lill-familja Houston, iżda minħabba l-ħsarat li rriżultaw b'kawża tal-inċident dawn kellhom joħorġu minnu (ara l-affidavit ta' Michael Camilleri f'paġni 55 u 56 tal-atti tal-kawża u l-kuntratt ta' kera datat 19 ta' Novembru, 2015 f'paġni 59 sa 61 tal-atti tal-kawża);

93. Kemm hu hekk, sal-ġurnata li fiha ġie ppreżentat ir-rikors maħluf ta' din il-kawża dawn it-tiswijiet kienu għadhom ma sarux u għalhekk l-attur talab lil din il-qorti tordna lill-konvenuti biex jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa. Mill-banda l-oħra, fis-sitt eċċezzjoni tagħhom, Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), Paul Camilleri, Jacqueline Camilleri u Mario Pio Camilleri saħqu li l-imsemmija tiswijiet kienu qegħdin jiġu mwettqa u dalwaqt kienu serjin jitlestew;

94. Din il-qorti tinnota li l-perit Mario Ellul, li ġie mqabbad mill-attur Michael Camilleri, ikkonferma li wara li għall-ħabta ta' Ottubru u Novembru tas-sena 2018 twaqqa' l-garaxx bin-numru 83, Emanuel Camilleri wettaq xogħlijiet fl-appoġġ tal-appartamenti 1 u 2 tal-blokka bin-numru 81 billi reġa' bena nofs it-tul tiegħu permezz ta' blokki tal-konkos. Għalhekk, il-ħsara strutturali li għandha x'taqsam mal-appoġġ tal-appartamenti ġiet imsewwija (ara l-affidavit tal-perit Mario Ellul u r-ritratti mehmuża miegħu f'paġni 358 u 359 tal-atti ta' din il-kawża);

95. Fil-fatt, mill-atti jirriżulta li l-attur Michael Camilleri irnexxielu jwettaq numru ta' tiswijiet fl-appartament tiegħu, tant li f'Settembru tas-sena 2019 dan l-appartament reġa' beda jinkera (ara x-xiehda ta' Michael Camilleri f'paġna 388 tal-atti ta' din il-kawża u l-kuntratt ta' kera datat l-1 ta' Settembru, 2019 f'paġni 408 sa 410 tal-atti ta' din il-kawża). Għalhekk, din il-qorti qiegħda tifhem li ma hemmx aktar tiswijiet x'isiru mis-sidien tal-garaxx bin-numru 83;

96. Tant hu hekk, li fit-12 ta' April, 2022, l-attur ressaq nota li permezz tagħha huwa rtira s-seba' talba tiegħu minħabba li matul is-smigħ tal-kawża l-konvenuti kienu wettqu t-tiswijiet meħtieġa fil-garaxx bin-numru 83, fi Triq Carmelo Dimech, il-Mosta. Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-qorti sejra <u>**tastjeni**</u> milli tqis aktar <u>**is-seba' talba tal-attur**</u> u <u>**l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), Paul Camilleri, Jacqueline Camilleri u Mario Pio Camilleri**;</u>

97. Madankollu, dan ma jfissirx li sakemm damu biex tlestew it-tiswijiet fil-garaxx bin-numru 83 u fl-appoġġi tal-blokka bin-numru 81, l-attur ma ġarrabx telf ta' qligħ mill-kera tal-appartament tiegħu. Kif ġie meqjus aktar 'il fuq, l-appartament tal-attur kien jinsab mikri meta seħħ il-ħruq fit-23 ta' Lulju, 2016 iżda minħabba l-ħsarat li seħħew fih, l-kerrejja Houston, li kienu qegħdin jokkupawh, kellhom bla ma jridu joħorġu minnu. L-appartament tal-attur baqa' battàl sa Settembru tas-sena 2019, jiġifieri sakemm saru t-tiswijiet meħtieġa fil-garaxx bin-numru 83 u kif ukoll fl-istess appartament;

98. Minn qari tal-provi ma jirriżultax għalkollox ċar meta Emanuel Camilleri wettaq ix-xogħlijiet fl-appoġġ tal-blokka bin-numru 81 iżda jidher li x-xogħol tat-twaqqigħ tal-garaxx kien beda għall-ħabta ta' Ottubru u Novembru tas-sena 2018. Għalhekk il-qorti tħoss li huwa realistiku li l-attur Michael Camilleri ġab Awwissu tas-sena 2019 biex lesta t-tiswijiet meħtieġa fl-appartament inkwistjoni (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 389 tal-atti ta' din il-kawża);

99. Għalkemm meta l-esperta ġudizzjarja, Marielouise Caruana Galea, kienet qiegħda tixhed in eskussjoni dwar ir-rapporti li hija ħejjiet, hija tat x'tifhem li kienet biss il-kamra

tas-sodda ta' wara ta' dan l-appartament li ma setgħetx tintuża minħabba l-ħsarat, u b'hekk setgħu potenzjalment jiġu mikrija l-bqija tal-kmamar tal-appartament fejn ma kienx hemm ħsara (ara x-xiehda tagħha f'paġna 248 tal-atti tal-kawża), il-perit Mario Ellul, li ġie mqabbad mill-attur, kellu fehma ferm differenti. Dan saħaq li l-appartament tal-attur kien fi stat perikoluż u għalhekk ma kienx abitabbli (ara x-xiehda tiegħu f'paġni 289 u 290 tal-atti tal-kawża). B'hekk, skont il-perit Ellul, l-appartament ma setax jiġi mikri qabel isiru t-tiswijiet kollha meħtieġa;

100. F'dan ir-rigward il-qorti tħoss li t-teżi tal-perit Ellul hija l-aktar waħda li xxaqleb lejn ir-realtà. Tassew, li kieku din il-qorti jkollha tpoġġi ruħha fiż-żarbun ta' xi ħadd li jkun qiegħed ifittex li jikri saqaf għal fuq rasu, hija fiż-żgur mhijiex sejra tikri post li jkollu parti minnu bi ħsara u/jew fi stat perikoluż. Anzi, din il-qorti żżid li hija ma taħsibhiex darbtejn biex tħares band'oħra li kieku kellu jiġi offrut lilha b'kera, post li jkollu l-konsenturi fis-saqaf u fil-ħitan tiegħu;

101. Għalhekk, jgħid sew l-attur Michael Camilleri li huwa ma setax jikri l-appartament tiegħu bejn Awwissu tas-sena 2016 u Awwissu tas-sena 2019;

102. Meqjus dan kollu, din il-qorti qiegħda **tilqa' t-tielet talba tal-attur** u tiddikjara li huwa ġarrab danni peress li huwa tilef il-dħul mill-kera tal-appartament tiegħu – mhux għaliex it-tiswijiet fil-garaxx bin-numru 83 fi Triq Carmelo Dimech, fil-Mosta ma sarux iżda għaliex dawn it-tiswijiet damu madwar tliet snin wara li seħħ l-inċident biex ġew imwettqa mis-sidien tal-garaxx;

103. Magħluqa din il-kwistjoni, ladarba li din il-qorti stabbiliet li l-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Jacqueline Camilleri, GasanMamo Insurance Limited, Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri għandhom iwieġbu għad-danni mitluba mill-attur Michael Camilleri, hija sejra tgħaddi għat-**tieni stadju** tas-sentenza tagħha fejn hija sejra tkun qiegħda tillikwida d-danni mġarrba minnu;

104. Kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-qorti jirriżultalha li l-ħsarat li saru fl-appartament numru 1 b'kawża tan-nar tat-23 ta' Lulju, 2016 ġew imsewwija. Fil-fatt, waqt is-seduta tal-1 ta' April, 2022, il-partijiet qablu li fil-mori tal-kawża l-attur kien wettaq bi spejjeż tiegħu t-tiswijiet kollha li kien hemm bżonn li jsiru fl-appartament tiegħu. Bħala prova tan-nefqa li huwa kellu jagħmel biex iwettaq dawn it-tiswijiet l-attur ressaq l-irċevuti li ġejjin:

i. irċevuta fl-ammont ta' €650 maħruġa minn Francis Borġ għal xogħlijiet relatati ma' bini (ara paġna 505 tal-atti tal-kawża);
ii. irċevuta fl-ammont ta' €625.40 maħruġa minn Awad Awad għall-ispejjeż tal-finituri (ara paġna 506 tal-atti tal-kawża);
iii. irċevuta fl-ammont ta' €140 maħruġa minn Francesco Saverio Vella għall-kiri ta' *high up* (ara paġna 507 tal-atti tal-kawża);
iv. irċevuta fl-ammont ta' €142 maħruġa minn *Ballut Blocks* għax-xiri ta' briksiet (ara paġna 508 tal-atti tal-kawża);
v. tliet irċevuti fl-ammonti ta' €54.50, €62.80 u €85 maħruġa minn *Hector's Ironmongery* għall-ispejjeż tal-finituri (ara paġna 509 tal-atti tal-kawża); u
vi. irċevuta fl-ammont ta' €250 maħruġa mill-perit Mario Ellul għar-rapport li ġie mħejji minnu dwar il-ħsarat li kien hemm fl-appartament, għall-applikazzjoni magħmula lill-Awtorità tal-Ippjanar biex l-attur jgħarraf lill-istess Awtorità dwar il-bini perikoluż, u għas-superviżjoni tax-xogħlijiet li twettqu (ara paġni 511 u 512 tal-atti tal-kawża);

105. Dawn l-irċevuti, għajr dik maħruġa minn Awad Awad, ġew ikkonfermati bil-ġurament mill-persuna li ħarġithom. Fil-każ tal-irċevuta maħruġa minn Awad Awad, il-qorti tinnota li fis-seduta tal-24 ta' Ġunju, 2022, il-konvenuti ħelsu lill-attur mill-ħtieġa li jħarrek lil Awad Awad biex jaħlef dwar il-korrettezza ta' din l-irċevuta. Għalhekk, il-qorti qiegħda tqis li l-attur ressaq prova tajba tal-ispejjeż li huwa għamel;

106. Dawn l-ispejjeż jammontaw għas-somma totali ta' **€2,142.70**. Il-qorti jidhrilha li dawn l-ispejjeż li kellu jagħmel l-attur biex iwettaq it-tiswijiet huma ġustifikati għaliex dawn

jaqgħu sew fl-istima tad-danni li waslet għaliha l-perit Marielouise Caruana Galea fir-rapport tagħha (ara paġni 225 u 237 tal-atti tal-kawża);

107. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jisħaq ukoll li huwa għandu jitħallas għall-flus li kellu joħroġ biex jiġu ppreżentati sett ta' ritratti fl-atti ta' din il-kawża mill-pulizija Bryan Alken. Dawn ir-ritratti, li ttieħdu fuq il-post fejn seħħ il-ħruq, jinsabu f'envelop f'paġna 139 tal-atti ta' din il-kawża u l-irċevuta maħruġa fir-rigward tinsab mehmuża ma' paġna 356 tal-atti tal-kawża. Darba li aktar 'il fuq din il-qorti sabet li l-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Jacqueline Camilleri, GasanMamo Insurance Limited, Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri huma responsabbli għad-danni mġarrba mill-attur minħabba n-nirien li ħakmu l-garaxx bin-numru 83, fi Triq Carmelo Dimech, fil-Mosta, il-qorti tħoss li din in-nefqa ta' €133 ukoll għandha tagħmel parti mil-likwidazzjoni tad-danni;

108. Għalhekk, il-qorti sejra tordna li s-somma sħiħa ta' **€2,275.70** (€2,142,70 + €133) għandha titħallas lill-attur Michael Camilleri mill-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Jacqueline Camilleri, GasanMamo Insurance Limited, Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri fl-ishma indikati aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

109. Issa, il-qorti trid tiddetermina wkoll għal kemm jammonta t-telf ta' qligħ li ġarrab l-attur minħabba li huwa ma setax jikri l-appartament inkwistjoni. Dan it-telf huwa wieħed mill-irjus ta' ħsarat li persuna responsabbli għandha twieġeb għalih skont l-**artikolu 1045(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***David Brincat et v. Francis Sammut et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2022 u ***Dr Christian Farruġia nomine v. Midi plc*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Lulju, 2020);

110. Kif ingħad qabel, mill-atti jirriżulta li meta seħħ il-ħruq l-appartament tal-attur kien mikri lill-familja Houston, iżda minħabba l-ħsarat li rriżultaw b'kawża tal-inċident, dawn kellhom joħorġu minnu. Skont il-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2015, l-appartament kellu jkun mikri lilhom matul is-sena 2016 b'kera ta' €400 kull xahar. L-attur stqarr li huwa kien jagħmlilhom kuntratt ġdid kull sena (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 55 tal-atti

ta’ din il-kawża), li f’dak iż-żmien l-appartament kien jinkera mingħajr għamara (ara x-xiehda tiegħu f’paġna 390 tal-atti tal-kawża), u li huwa kien kera l-appartament lill-familja Houston għall-ewwel darba madwar tliet snin qabel seħħ il-ħruq. Fil-bidu li krielhom l-appartament il-kera kienet dik ta’ €300 kull xahar u din baqgħet hekk sas-sena 2016 (ara paġni 392 u 393 tal-atti tal-kawża). Huwa sostna wkoll li f’kull sena li kienet sejra tiġi wara s-sena 2016, huwa kien beħsiebu jgħollilhom il-kera b’€100 fix-xahar (ara paġni 399 u 400 tal-atti ta’ din il-kawża);

111. L-attur qal li wara li huwa għamel it-tiswijiet fl-appartament, huwa kien daħħal l-għamara fih u għalhekk minn Settembru tas-sena 2019, l-appartament beda jinkera bi €800 fix-xahar. Dan huwa minnu, għalkemm mil-kuntratti tal-kera misjuba f’paġni 408 sa 426 tal-atti tal-kawża jirriżulta li bejn l-1 ta’ Marzu, 2021 u l-1 ta’ Awwissu, 2021, l-appartament kien qiegħed jinkera b’€640 fix-xahar u mhux bi €800 fix-xahar;

112. Il-perit tal-attur, Mario Ellul, xehed li l-valur lokatizzju tal-fond illum il-ġurnata huwa dak ta’ €700 fix-xahar (ara paġna 290 tal-atti tal-kawża) filwaqt li l-espert ġudizzjarju Marielouise Caruana Galea kkonfermat li l-valur tal-kirja huwa dak ta’ madwar €800 (ara x-xiehda tagħha f’paġna 248 tal-atti tal-kawża);

113. Issa fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu l-attur Michael Camilleri jsostni li t-telf tal-kera li huwa ġarrab kien dak ta’ €500 kull xahar fis-sena 2017, €600 kull xahar fis-sena 2018 u €800 kull xahar bejn Jannar 2019 u Awwissu 2019. Din il-qorti tqis li fejn tidħol il-komputazzjoni tad-danni teżisti tendenza li min ikun ġarrab id-danni jkabbar it-talba tiegħu dwar kemm kien in-numru tal-oġġetti li sfaw danneġġjati, u li jżid il-valur tagħhom bit-tama li jiġbor lura ammont ta’ flus li jkun aktar minn dak li suppost ikun ħaqqu. Dan spiss jiġri fejn dik l-istess talba ma tkunx sostnuta minn irċevuti, fatturi jew xi prova dokumentarja oħra (ara f’dan is-sens is-sentenza ***Ivor Żammit nomine v. Christopher Aġius et***, Appell Superjuri, 24 ta’ Ġunju, 2016);

114. Għalkemm l-attur jisħaq fuq telf ta’ qligħ kull xahar fl-ammonti hawn fuq imsemmija, il-qorti tinnota li huwa ma ressaq l-ebda prova ta’ kemm kien il-valur lokatizju tal-fond fis-

snin 2017 u 2018. Il-qorti ma tistax tispekula u tgħid illi kieku ma kienx għall-inċident li ġara fit-23 ta' Lulju, 2016, l-attur kien żgur sejjer jikri l-fond għaż-żmien kollu rilevanti bl-ammonti msemmija minnu. Wara kollox, wieħed jeħtieġlu jqis li għal sitt xhur sħaħ matul is-sena 2021, id-dħul mill-kera naqaslu minn €800 għal €640. Dan juri kemm wieħed ma jistax ibassar b'mod konkret kemm seta' kien id-dħul tal-attur mill-kera matul is-snin 2017, 2018 u 2019;

115. Terġa' u tgħid, l-attur ma ħarrikx lill-membri tal-familja Houston biex jikkonfermaw li huwa kien qalilhom bl-intenzjoni tiegħu li jżidilhom il-kera f'dawk l-ammonti. Kien l-obbligu tiegħu li jressaq il-provi hawn fuq imsemmija, iżda dan naqas milli jagħmlu, u għalhekk, *imputat sibi* (ara f'dan is-sens is-sentenza ***Joseph Mallia Bonello v. Paul Camilleri et***, Appell Superjuri, 26 ta' Jannar, 2018);

116. Din il-qorti tapprezza li l-kirjiet fis-suq ħieles setgħu għolew fis-snin imsemmija mill-attur. Madankollu, hija ma taqbilx miegħu li huwa kien sejjer idaħħal kera ta' €500 kull xahar fis-sena 2017, €600 kull xahar fis-sena 2018 u €800 kull xahar fis-sena 2019 li kieku ma seħħx l-inċident tat-23 ta' Lulju, 2016. Fuq kollox, wieħed ma jridx jinsa li sa dakinhar li seħħ il-ħruq, l-attur kien qiegħed jikri l-appartament mingħajr għamara mentri f'Settembru 2019 huwa kera l-appartament bl-għamara b'kollox. Kien għalhekk li hemm differenza mhux żgħira bejn il-kera li kien qiegħed idaħħal qabel seħħ il-ħruq fis-sena 2016 u l-kera li daħħal lejn l-aħħar tas-sena 2019;

117. Meqjus dan kollu, il-qorti sejra taħdem il-telf ta' qligħ mill-kera li ġarrab l-attur hekk:

i. bl-ammont ta' €400 kull xahar bejn Awwissu 2016 u Diċembru 2016, jiġifieri €2000;
ii. bl-ammont ta' €450 kull xahar matul is-sena 2017, jiġifieri €5400;
iii. bl-ammont ta' €500 kull xahar matul is-sena 2018, jiġifieri €6000; u
iv. bl-ammont ta' €550 kull xahar bejn Jannar 2019 u Awwissu 2019, jiġifieri €4400;

118. B'kollox dan iwassal għal telf fil-kera fl-ammont ta' €17,800. Magħdud mal-ammont ta' danni ta' €2,275.70, li ġie likwidat mill-qorti aktar 'il fuq, dan isarraf fit-total ta' €20,075.70;

119. Għalhekk, f'dan is-sens, din il-qorti qiegħda tilqa' **<u>l-ħames u s-sitt talba</u>** tal-attur billi tillikwida l-ammont ta' danni mġarrba minnu fl-ammont ta' **<u>€20,075.70</u>** u tiċħad b'hekk il-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti kollha, għajr dawk ta' Paul Camilleri. Dan l-ammont ta' €20,075.70 għandu jiġi mħallas lill-attur mill-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Jacqueline Camilleri, GasanMamo Insurance Limited, Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri skont kif ġie spjegat fil-paragrafi 86 sa 89 ta' din is-sentenza;

120. Fl-aħħar nett, peress li fl-att ġudizzjarju li ressaq l-attur qabel huwa fetaħ din il-kawża ma ġie indikat l-ebda ammont ta' danni iżda saret biss sejħa lill-konvenuti biex dawn jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur (ara l-ittra uffiċjali datata 14 ta' Settembru, 2017 f'paġna 74 tal-atti tal-kawża), fuq is-saħħa tal-prinċipju ta' *in liquidandis non fit mora*, din il-qorti sejra tkun qiegħda tordna lill-konvenuti hawn fuq imsemmija jħallsu l-imgħax bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' **<u>€20,075.70</u>**, liema mgħax għandu jibda miexi mid-data ta' din is-sentenza;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu aktar qies tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), Jacqueline Camilleri, Mario Pio Camilleri u Paul Camilleri peress li din ġiet milqugħa waqt is-smigħ ta' din il-kawża;

ii. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel parti tas-sitt eċċezzjoni ta' GasanMamo Insurance Limited peress li l-attur Michael Camilleri rnexxielu jressaq prova tajba li huwa s-sid tal-appartament numru 1, fl-indirizz 81, Triq Carmelo Dimech, fil-Mosta;

iii. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tal-attur Michael Camilleri fir-rigward tal-konvenut Paul Camilleri iżda **<u>tilqagħhom</u>** fil-konfront tal-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri u tiddikjara li dawn huma responsabbli għan-nirien li ħakmu l-garaxx bin-numru 83, fi Triq Carmelo Dimech, il-Mosta nhar it-23 ta' Lulju, 2016, u b'hekk għad-danni li ġarrab l-attur b'kawża ta' dan l-inċident. Il-grad ta' responsabbilità hija maqsuma hekk: nofs fuq Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), kwart fuq Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u kwart fuq Mario Pio Camilleri. Il-konvenuta Jacqueline Camilleri u l-imsejħa fil-kawża GasanMamo Insurance Limited għandhom iwieġbu għas-sehem ta' responsabbilità ta' Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) minħabba li fil-każ tal-konvenuta d-dejn inkwistjoni huwa wieħed li jorbot fuq il-komunjoni tal-akkwisti u minħabba li fil-każ tal-imsejħa fil-kawża kien hemm fis-seħħ polza ta' assikurazzjoni;

iv. **<u>Tilqa'</u>** t-tielet talba tal-attur u tiddikjara li huwa ġarrab danni peress li huwa tilef il-dħul mill-kera tal-appartament tiegħu. Din it-talba qiegħda tintlaqa' mhux għaliex it-tiswijiet fil-garaxx bin-numru 83 fi Triq Carmelo Dimech, fil-Mosta ma sarux iżda għaliex dawn it-tiswijiet damu madwar sentejn u nofs wara li seħħ l-inċident biex ġew imwettqa mis-sidien tal-garaxx;

v. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu aktar qies tas-seba' talba tal-attur u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 57944M), Paul Camilleri, Jacqueline Camilleri u Mario Pio Camilleri, peress li t-tiswijiet fil-garaxx bin-numru 83, fi Triq Carmelo Dimech, il-Mosta ġew imwettqa;

vi. **Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M), Jacqueline Camilleri, GasanMamo Insurance Limited, Emanuel Camilleri (K.I. 57944M) u Mario Pio Camilleri;

vii. **Tilqa'** l-ħames talba tal-attur u tillikwida d-danni mġarrba minnu fl-ammont ta' €20,075.70, bl-imgħax bir-rata ta' 8% mid-data ta' din is-sentenza sakemm isir il-ħlas effettiv;

viii. **Tilqa'** s-sitt talba tal-attur u tordna li l-ammont ta' €20,075.70 flimkien mal-imgħax jiġi mħallas hekk: nofs dan l-ammont mill-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) u Jacqueline Camilleri u mill-imsejħa fil-kawża GasanMamo Insurance Limited, li għandhom jinżammu responsabbli *in solidum* għal dan is-sehem; (b) kwart dan l-ammont mill-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. 57944M); u (ċ) kwart dan l-ammont mill-konvenut Mario Pio Camilleri;

Fl-aħħar nett, **tordna** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, magħdud magħhom l-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Settembru, 2017 jitħallsu mill-konvenuti skont il-grad ta' ħtija li l-qorti sabet fihom, jiġifieri: (a) nofshom mill-konvenuti Emanuel Camilleri (K.I. 44382M) u Jacqueline Camilleri u mill-imsejħa fil-kawża GasanMamo Insurance Limited, li għandhom jinżammu responsabbli *in solidum* għal dan is-sehem; (b) kwart mill-konvenut Emanuel Camilleri (K.I. 57944M); u (ċ) kwart mill-konvenut Mario Pio Camilleri.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**